# Il-Kapitaliżmu Neo-Liberali fi kriżi

Christopher Cutajar




Il-Kapitaliżmu Neo-Liberali qiegħed stendut mal-art. Ħa daqqa ta' ponn ġo wiċċu, u did-darba mhux se tkun daqshekk faċli għalih biex jirkupra minnha. Dawk li fl-aħħar għoxrin, tletin sena tant ippridkaw li s-sistemi finanzjarji m'għandhomx ikunu mgħobbija b'ħafna regoli, u li l-istat għandu jinżamm fil-ġenb jekk jista' jkun f'kollox, issa qegħdin ibiddlu l-kredu tagħhom. Dan qed jagħmluh sabiex bil-flus miġbura mit-taxxi miġjuba mill-għaraq tal-ħaddiema jħallu s-sistema kapitalista tiffanga f'ikel illi qatt u qatt ma jixirqilha tiekol minnu. Issa jmiss naraw kemm ix-Xellug lest jingħaqad fl-irkejjen kollha tad-dinja, (speċjalment tal-Majjistral Dinji) biex il-flus li ngħataw lill-Gvernijiet għall-edukazzjoni tat-tfal, għall-għajxien tajjeb tal-pensjonanti, għall-postijiet xierqa fejn inkunu nistgħu ngħixu u nirrikreaw rwieħna, u għat-tisħiħ tan-nisġa soċjali li aħna parti minna, ma jispiċċawx jintnefqu fit-tisħiħ ta' sistema li ma taf iġġib xejn għajr inugwaljanzi soċjali u nuqqas ta' demokrazija ekonomika.

**Intervenzjoniżmu**

Il-pijunieri tan-neo-liberiżmu li fil-passat tant saħqu u ħalfu li l-istat għandu jħalli s-suq isuq indunaw li dan għamluh biex idaħħlu s-swieq finanzjarji dritt ġo ħajt. L-Istati Uniti ddeċidiet li talloka 700 biljun dollaru Amerikan mit-Teżor tagħha biex tinvesti direttament fil-banek Amerikani. Dan se jkun qed isir għall-ewwel darba mill-'Great Depression' (1929-1939) lil hawn. Għaldaqstant min mexxa u qed imexxi l-banek fl-Istati Uniti b'tali mod li neffaħ kemm felaħ il-bużżieqa finanzjarja u dgħajjef il-lakstu tagħha sakemm ċarrtu, issa qed jgħinuh biex jerġa' jqum fuq saqajh permezz tal-flus mit-taxxi taċ-ċittadini komuni. L-Ingilterra qed taħsibha bis-serjetà tinnazzjonalizzax b'mod parzjali tlieta mill-erba' banek il-kbar fil-pajjiż.

Pajjiżi kbar li ma humiex parti mill-Kapitaliżmu Anglo-Amerikan mhux qed jagħmlu għajb għal dan. Franza se tagħmel self garantit mill-istat lill-banek ta' €320 biljun (bn) u l-Ġermanja se tagħmel dan billi tiggarantixxi s-self bejn il-banek infushom. Franza allokat €40 bn biex issaħħaħ il-kapital tal-banek fl-inkwiet u l-Ġermanja allokat €80 bn għal dan il-għan. Min ħaddem sistemi ekonomiċi u finanzjarji li fil-passat riċenti dejjem saħqu li iktar ma jogħlob il-gvern iktar jismem il-ġid, issa mhux talli qed jaraw l-istat bħala t-tabib tas-swieq finanzjarji talli qed jirrikonoxxu lill-istat bħala l-uniku salvatur ta' din is-sitwazzjoni.

Prova ta' kemm ir-regolamentazzjoni finanzjarja stretta u l-prudenza bankarja jafu jkunu ta' ġid tawhielna l-Ispanjoli permezz tal-Bank Ċentrali tagħhom. Dawn, meta pparagunati ma' Franza, il-Ġermanja u l-Ingilterra ħadu daqqa ħafna iżgħar. U mn'alla, meta tqis l-uġigħ ekonomiku li għaddejja minnu Spanja.

**Popli mqarrqa**

Il-Kapitaliżmu Neo-Liberali, li jaf lil Reagan u Thatcher fil-Ġnien tal-Eden tiegħu, ra kif għamel biex daħħal settur ħafna aktar wiesa' mill-klassi tan-nofs u ta' taħt biex jinvesti f'fondi u f'isħma varji. Issa din il-politika qed tagħti l-akbar diżappunt lil min għamel dan b'rieda tajba li jkabbar il-ġid tal-familja tiegħu u biex joffri sigurtà finanzjarja akbar lilu nnifsu. Mhux talli qed itir mar-riħ dak kollu li ġie prospettat għal dawn l-investimenti, talli parti mill-flus imħallsa f'taxxi mill-istess individwi qed imorru biex isalvaw lill-istess banek li daħħlu s-swieq finanzjarji u l-investimenti ta' dawn l-investituri ż-żgħar ġol-ħajt.

**Kapitaliżmu u Instabilità**

Il-pannu tal-instabilità u l-inċertezza li rnexxielu joħloq il-kapitaliżmu fil-ħajjiet tan-nies matul dawn l-aħħar għoxrin sena dejjem traqqa' bl-interventi fis-swieq ta' dawk li akkost ta' kollox ma jridux jaraw il-kapitaliżmu jikkrolla. It-Teżor tal-Istati Uniti u l-Bank tar-Riserva Federali, il-Fond Monetarju Internazzjonali u dawk li jappoġġjawhom fil-Ġappun u l-Ewropa tal-Punent dejjem kienu lesti bis-salva uomo f'idejhom biex jintervjenu f'każ ta' riskju ta' xi għarqa. Dan seħħ fl-1987 (Stock Market Plunge), l-1989 (Savings-and-Loan Collapse), l-1997 (East-Asian Financial Fall), l-1998 (Long Term Capital Management Mismanagement), u fl-2001-2002 (Enron). Dan ifisser li l-akbar fortizzi tal-kapitaliżmu jużaw lill-istat daqs li kieku kien xi toilet.

**Ix-Xellug għal politika stabbli**

Ix-Xellug, minflok jinkoraġġixxi l-ispekulazzjoni fis-swieq u jara li l-profitti ikunu l-ewwel prijorità tiegħu, iqis li l-attività ekonomika produttiva tista' toffri l-ġid kemm jista' jkun b'mod indaqs. Ix-Xelluġ jara li l-interventi tal-istat ikunu kontinwi sabiex ikun hemm armonija fis-soċjetà b'mod kontinwu, fejn:

- l-istat jinnazzjonalizza setturi b'importanza strateġika, jiddefendi s-servizzi pubbliċi, u jinkoraġġixxi koperattivi tal-ħaddiema
- il-ħtiġijiet bażiċi tan-nies (l-enerġija, id-djar, l-edukazzjoni, it-trasport, ir-rikreazzjoni u ambjent xieraq) ikunu protetti mill-istat u għalhekk ma jintefgħux għall-irkant u l-ispekulazzjoni fis-suq
- l-istat jinkoraġġixxi l-intrapriżi ż-żgħar u medji biex jiġġeneraw il-qligħ u l-impjiegi biex ma jkunx hemm monopolju minn intrapriżi kbar f'setturi differenti tal-ekonomija
- l-industrija titħalla tkun produttiva u profittabbli mingħajr ma thedded is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema
- ikun hemm ir-rieda li tinżamm armonija bejn min iħaddem, it-trejdjunjins u l-istat sabiex l-ekonomija ma tingħatax skossi bla bżonn
- il-ħaddiema jitqiesu bħala l-protagonisti tal-ekonomija u mhux l-akbar vittma potenzjali tal-ekonomija

Ix-Xellug għandu jikseb lura l-kunfidenza li kellu qabel fil-mod kif kien jiġġieled id-diżugwaljanza fis-soċjetà u jagħti poteri ekonomiċi lill-klassijiet varji ta' ħaddiema mingħajr ebda ingann. Dan għandu jagħmlu b'lingwaġġ rilevanti għall-fenomeni tas-soċjetajiet ta' żminijietna. F'din il-kwistjoni reġa' ħareġ biċ-ċar li x-Xellug f'idejh għandu soluzzjonijiet dejjiema u m'għandu xejn għalxiex jistħi milli jxandar il-prinċipji inaljenabbli tiegħu.

Jekk jagħmel dan, ix-Xellug ikun qed jaħdem biex iħalli l-Kapitaliżmu stendut mal-art u l-għaraq tal-ħaddiema u l-familji jissarraf fi kwalità ta' ħajja aħjar.

---

Dan l-artiklu deher fir-rivista *Zminijietna* ta' Ottubru-Diċembru 2008, Serje 4 nru20
Żminijietna - Leħen ix-Xellug, http://www.zminijietna.org/